

# SOSTENIBBILTÀ: NIKKUMBATTU T-TIBDIL FIL-KLIMA
## IR-RABA' EDIZZJONI TAL-YOUTH4ENTREPRENEURSHIP GOZO

*Jesmond Buttigieg,*
*Maniġer tal-Europe Direct*

Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex u l-Europe Direct Gozo f'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex, Aġenzija Żgħażagħ u l-Bank of Valletta, organizzaw ir-raba' edizzjoni tal-Youth4Entrepreneurship Gozo, waqt attività li saret fil-Lukanda Kempinski f'San Lawrenz nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru 2022. Din l-attività kienet tifforma parti mill-attivitajiet relatati mal-*SME Week*.

Din il-kompetizzjoni tagħti l-opportunità lil żgħażagħ bejn is-16 u l-35 sena biex joħorġu b'ideat innovattivi dwar Għawdex u li jippreżentawhom quddiem numru ta' esperti. L-edizzjoni ta' din is-sena ffukat fuq is-sostenibbiltà, proprjament fuq soluzzjonijiet li jistgħu jgħinu biex jikkumbattu t-tibdil fil-klima. Din l-attività ġiet imnedija waqt attività oħra li saret fix-xahar ta' Mejju minn Europe Direct Gozo fejn iż-żgħażagħ ingħataw l-opportunità li jiddiskutu dan is-suġġett hekk importanti. Matul ix-xhur tas-sajf iż-żgħażagħ interessati attendew numru ta' sessjonijiet organizzati minn Aġenzija Żgħażagħ b'kollaborazzjoni ma' Europe Direct Gozo.

Din is-sena l-ġurija kienet magħmula minn esperti varji li jaħdmu f'oqsma differenti: Mario Borg, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali għal Għawdex; Simon Schembri, Senior Manager, Community and Outreach Youth Work Services ta' Aġenzija Żgħażagħ; Mark Scicluna Bartoli, mill-Bank of Valletta; u Matthew Caruana, Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni JAYE.

Fil-bidu tal-avveniment, Joseph Borg, President tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, beda billi qal li l-istess Kamra minn dejjem ħeġġet liż-żgħażagħ sabiex joħorġu b'ideat innovattivi. U għalhekk se toffri s-sħubija mal-Kamra għal 'start ups' bla ħlas għal perjodu ta' tliet snin, taħt numru ta' kundizzjonijiet. Dan huwa mod tanġibbli kif il-Kamra tista' tgħin liż-żgħażagħ intraprendituri Għawdxin sabiex jistabbilixxu ruħhom fid-dinja kompetittiva tal-lum. Kompla billi indika wkoll l-importanza ta' din it-tema, hekk kif id-dinja kienet miġbura biex tiddiskuti t-tibdil fil-klima waqt il-COP27, li kien qed isir proprju f'dawk il-ġranet fl-Eġittu.

Is-serata kienet ippreżentata minn Francesca Borg.

Miriam Teuma, Kap Eżekuttiv ta' Aġenzija Żgħażagħ Malta, faħħret l-inizjattiva u qalet ukoll li tinnota kemm din l-inizjattiva qiegħda dejjem tikber sena wara l-oħra. Semmiet ukoll il-fatt li bl-għajnuna ta' Jennifer Cauchi, Youth Worker Aġenzija Żgħażagħ Għawdex, iż-żgħażagħ ingħataw sessjonijiet ta' taħriġ biex b'hekk il-parteċipanti kienu mħarrġa sew għas-serata.

L-ideat ippreżentati kienu verament interessanti. Saru erba' preżentazzjonijiet, fosthom mix-Xagħra Rover Crew, il-Victoria Scout Group, kif ukoll minn Daniel Sultana u Nathaniel Saliba. L-ideat ittrattaw suġġetti varji, bħal ngħidu aħna kontenituri biex jintużaw iktar minn darba għall-ġarr tal-ħut li jinxtraw għall-akkwarji, sa apps li jgħinuk tikkonsma inqas enerġija jew jippremjawk jekk tkun iktar sostenibbli, kif ukoll

modi alternattivi ta' mobbiltà. L-idea rebbieħa kienet dik ippreżentata mill-Victoria Scout Group li kienet tikkonsisti fil-manifattura ta' porvli magħmul minn materjal sostenibbli li jintuża fost l-oħrajn fin-nar tal-festi.

Preżenti wkoll għal din is-serata kien hemm il-Ministru għal Għawdex, fejn fl-intervent tiegħu enfasizza kemm avvenimenti bħal dawn huma importanti u ta' stimolu għaż-żgħażagħ tagħna. Wara li feraħ lill-parteċipanti għas-sehem tagħhom, ippreżentalhom ċertifikat kull wieħed.

Daniel Borg, Kap Eżekuttiv tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, ikkonkluda s-serata billi rringrazzja l-isponsors kollha tal-avveniment kif ukoll lill-membri tal-ġurija. Kompla billi qal li l-Kamra temmen li ż-żgħażagħ tal-lum mhumiex biss il-futur imma anki l-preżent fis-soċjetà tagħna.

Fl-app hemm ukoll faċilità sabiex tħajjar lin-nies jimxu iktar, billi jingħataw ċerti benefiċċji minn ħwienet lokali meta jintlaħaq ċertu ammont ta' kilometri bil-mixi. Dawk li jitħajru jimxu jkollhom ukoll il-faċilità li permezz ta' din l-app, persuna li tiltaqa' ma' skart mormi fin-natura tieħu ritratt u mill-app awtomatikament jintbagħat lill-kunsill lokali kkonċernat sabiex il-post ikun jista' jitnaddaf.

### "Ecoaquaria" – Daniel Sultana

Ħwienet li jbigħu ħut għal ġo akkwarju preżentement jużaw boroż tal-plastik sabiex jingħataw lill-klijenti tagħhom, boroż li jintużaw darba waħda biss. L-idea ta' din il-preżentazzjoni kienet li mill-ħanut ix-xerrej jista' jixtri wkoll kontenituri li jinbiegħu b'miżata minima, skont id-daqs tal-kontenitur, sabiex ipoġġi l-ħut li jkun akkwista f'dawn ir-reċipjenti.







Ir-rebbieħa tħabbru nhar il-21 ta' Novembru. L-iskop tas-serata mhux li tiffoka fuq l-idea rebbieħa, imma li tiċċelebra ż-żgħażagħ kollha li jipparteċipaw u għalhekk tagħtihom il-kunfidenza u l-opportunità meħtieġa biex jitkellmu quddiem il-ġurija u l-udjenza dwar l-ideat tagħhom. Ir-rebbieħa ngħataw premju ta' €500.

### "Next Step" – Nathaniel Saliba u Amante Xerri

*Next Step* hija app tal-mowbajl fejn persuna tista' żżomm ruħha aktar attiva u fl-istess ħin tgħin lill-ambjent billi jintuża trasport alternattiv bħal mixi, rota jew skateboard. Fl-app hemm il-faċilità li jintgħażel il-mod tat-trasport, it-tip ta' attività, jekk l-attività hix ser issir individwalment jew fi grupp, u anki r-rotta. Jistgħu jintgħażlu diversi rotot madwar Għawdex.

B'hekk il-klijent jista' jew jirritorna l-kontenitur lill-ħanut u jerġa' jieħu flusu lura, jew inkella jużah għal ħtiġijiet oħra. L-istess kontenituri mhumiex tossiċi, iżommu t-temperatura tal-ilma stabbli, u peress li huma magħmula minn materjal iebes, huwa diffiċli ħafna li jittaqqbu.

B'dan il-mod jitnaqqas ħafna l-użu tal-plastik li ma jistax jiġi rriċiklat, wisq u wisq aktar meta l-istess sistema tibda tintuża minn ħwienet oħra.

### Smart meter app għad-dar – Xagħra Scout Group

*Smart meter app* hija applikazzjoni li tintuża mill-mowbajl personali sabiex tiffaċilita l-użu u fl-istess ħin tnaqqas il-konsum tal-ilma u d-dawl fid-djar tagħna.













L-app fiha nnifisha hi sempliċi biex tapplika għaliha u tintuża minn persuna waħda f'kull familja. Il-persuna kkonċernata fil-fażi tal-applikazzjoni ddaħħal id-dettalji tad-dar li jinkludu n-numru ta' nies li jgħixu hemm, kemm għandhom żmien u anki informazzjoni tal-appliances li jinsabu fid-dar, bħal ngħidu aħna fridges, geezers u oħrajn li jikkonsmaw id-dawl. Din l-informazzjoni tintuża wkoll biex l-app b'mod awtomatiku tirregolarizza l-konsum ta' dik id-dar partikolari u tinnotifika lill-istess inkwilini jekk il-konsum ikunx għoli.

Aspett importanti ieħor ta' din l-app huwa r-real time data, fejn persuna tista' tiċċekkja minn fuq din l-app il-konsum sa dik il-ġurnata.

Faċilità oħra li toffri din l-app tkun iċ-ċertifikazzjoni ta' kull appliance li tkun tixtieq takkwista għad-dar tiegħek fejn jidħol il-konsum tad-dawl, biex b'hekk qabel takkwista dak li għandek bżonn, tkun taf il-kwalità tal-istess apparat.

### Porvli iswed sostenibbli – Victoria Scout Group

Il-proġett kien fuq it-tema tal-porvli, speċifikament il-produzzjoni tal-porvli f'Għawdex. Fid-diskussjonijiet ħarġu bosta ideat differenti, imma dawn kienu proposti pjuttost komuni. Il-Victoria Scout Group ħadu riskju bi proposta li għalihom kienet tidher unika u oriġinali.

Il-proposta hija mibnija fuq żewġ fatturi importanti marbuta mas-suq tal-porvli. L-ewwel, il-porvli (black powder) jintuża l-aktar mill-għaqdiet tan-nar tal-festa, minħabba li l-maġġoranza tan-nar tal-festa huwa maħdum lokalment minn bosta fabbriki tan-nar madwar il-gżejjer Maltin. It-tieni fattur huwa li l-porvli għola sostanzjalment fil-prezz. Dan l-aktar minħabba l-gwerra fl-Ukrajna, għax il-porvli qed ikun mitlub għal skopijiet militari. Kemm l-Ukrajna u kemm ir-Russja jipproduċu ammonti kbar ta' porvli.

Meta tqiesu dawn il-fatturi, raw li din il-proposta tista' tnaqqas dawn il-problemi billi tipprovdi din ir-riżorsa lokalment u b'mod sostenibbli. Dan isir bil-bini ta' fabbrika tal-porvli f'Għawdex, mibnija b'kull element ta' sigurtà biex jekk ikun hemm splużjoni l-ħsara tkun limitata għall-binja biss. Aktar minn hekk, il-fabbrika tinbena b'mod sostenibbli, bi stil li jitħallat sew mal-ambjent tal-madwar. Min-naħa tal-produzzjoni, tnejn mit-tliet ingredjenti meħtieġa biex jiġi maħdum il-porvli, fosthom il-potassium nitrate, jistgħu jsiru minn materjal li jinstab lokalment. L-aħħar ingredjent, il-kubrit, huwa relattivament irħis u għalhekk jista' jinxtara, għalkemm b'xi mezzi ftit aktar ikkumplikati dan jista' jsir ukoll minn materjal organiku li jinstab fil-gżejjer Maltin. Il-'business plan' kien jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tas-suq. Fil-fatt, l-idea hi li dan ma jkunx limitat biss għall-industrija tan-nar, iżda wkoll għall-industrija tal-palk u avvenimenti pubbliċi, li











*Ritratti: CVC Media*

jużaw il-porvli għal dak li bl-Ingliż jissejjaħ *pyrotechnics*. Barra minn hekk, hemm ukoll l-industrija tal-armi, għalkemm wieħed irid jgħid ukoll li s-snieter moderni ma jużawx it-tip ta' porvli pproġettat hawn. L-armati jużaw dan it-tip ta' porvli għall-isparar fuq skala żgħira u għal niċeċ (fuses) fl-artillerija.

Għalkemm ma kienx dan l-għan ewlieni, il-produzzjoni tal-porvli moderna tista' ssir ukoll. L-idea se tnaqqas l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq tliet livelli: (a) l-uża ta' materjal organiku biex isir il-porvli; (b) il-bini sostenibbli tal-fabbrika li fiha se jsir il-porvli u l-mezz ta' kif dan jiġi prodott (li ftit li xejn joħloq emissjonijiet negattivi); u (ċ) it-tnaqqis fil-ħela tal-fjuwil li kieku jintuża biex iġorr il-porvli minn barra minn xtutna.